ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto) IS-SEBA' KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 07 IT-TNEJN 5 TA' OTTUBRU 2015**

Il-Kunsill Lokali kellu jiltaqa' nhar it-Tnejn 05 ta' Ottubru 2015 fis-7.00 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-laqgħa bdiet fis-7.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI (Għaxar Kunsilliera)**

Rosianne Cutajar, Jesmond Aquilina, Ralph Puli, Jerome Caruana Cilia, Bjorn Azzopardi, Renald Falzon, Joseph Aquilina, Robert Reno Cremona, Martina Brancaleone uMarvin Zammit flimkien mal-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ Brenda Fenech.

Is-S.E. informa li l-Kunsillier Antoine Saliba Haig infurmah bil-miktub li ma setax jattendi għas-seduta minħabba li kien se li kien se jkun imsiefer.

Fiċ-ċirkostanzi l-Kunsill qies dawn ir-raġunijiet bħala validi u l-Kunsillier Antoine Saliba Haig ġie meqjus bħala skużat għal-laqgħa.

**TALBA**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** qalet it-talba u infurmat lill-Kunsill li din is-seduta kienet qegħda tiġi *streamed live* fuq il-websajt tal-Kunsill.

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** talbet minuta ta' silenzju bħala solidarjeta għall-mewt traġika tar-raġel tal-impjegata tal-kunsill, Sebastiana Tanti. Is-**Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li l-Kunsill qed jagħmel mill-aħjar biex jagħtiha kull għajnuna psikoloġika anke permezz ta' uffiċċju professjonali fi ħdan tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru, f'dan il-mument hekk diffiċli.

**07/01/01 MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 06**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 04 li nżammet nhar it-Tnejn 14 ta' Settembru 2015, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Renald Falzon issekonda l-mozzjoni għall-approvazzjoni tal-minuti.**

**Ivvutaw Favur Għaxar** Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta Numru 06 ġew approvati** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina skuża ruħu mil-laqgħa fis-7.15pm**

## 07/02 MILL-MINUTI / KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU

07/02/01 **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li t-terminu tal-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ se jkun qed jittermina peress li f'Novembru, is-Sinjorina Brenda Fenech se tkun qed tagħlaq it-tmintax-il sena. Is-Sindku Rosianne Cutajar rringrazzjat lis-Sinjorina Fenech fejn ukoll stidnet lill-kunsilliera biex sal-laqgħa li jmiss jressqu nominazzjonijiet ta' persuni li jistgħu iservu ta' Ambaxxatur taż-Żgħażagħ sabiex fis-seduta tal-Kunsill li jmiss issir l-ħatra.

07/02/02 **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li l-Open Day li ġiet organizzata mill-*Qormi Clay Shooting Club* kienet suċċess fejn attenda għaliha s-Segretarju Parlamentari għall-Isport. Intant, il-Kunsill għandu jikteb lill-Gvern sabiex it-trejqa li tagħti għas-Shooting Range tiġi rranġata.

07/02/03 **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li fis-27 ta' Ottubru se ssir ċerimonja sabiex tfakkar ir-rinnovament tal-kollezzjoni ta' kotba li saret fil-Librerija Reġjonali. Għal din l-attivita' se tkun qed tipparteċipa l-mara tal-Prim Ministru, is-Sinjura Michelle Muscat, bħala chairperson tal-Marygold Foundation li se jkunu qed jagħtu donazzjoni lill-librerija. Il-Kunsilliera huma mistiedna li jattendu.

07/02/04 **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ġibdet l-attenzjoni li mill-1 ta' Ottubru 2015, is-sistema tal-infurzar lokali ma baqgħetx taħt ir-Reġjuni iżda għaddiet taħt aġenzija tal-Gvern, LESA. B'effett minn dakinhar ukoll, is-servizz ta' superviżjoni mill-Gwardjani Lokali mal-mużew tat-tfal fi Triq Santa Katerina ma baqax jiġi pprovdut b'xejn iżda l-Kunsill ġie mitlub jibda jħallas ta' dan is-servizz. Il-Kunsillier Ralph Puli sostna li din ir-Riforma fis-sistema tal-Gwardjani Lokali kellha ġġib magħha servizz aħjar, iżda jidher li s-servizz naqas tant li l-Kunsill ġie mitlub iħallas ta' servizz li qabel kien jingħata mir-Reġjun. Huwa sostna li dan is-servizz mhux talli għandu jonqos iżda għandu jiżdied mal-mużewijiet kollha. Is-Sindku Rosianne Cutajar sostniet li rċeviet xi kummenti mir-residenti li l-gwardjani lokali bdew jaħdmu wkoll bil-lejl u jmorru f'toroq kwieti bħal sqaqin. Il-Kunsill qabel unanimament sabiex jikteb lill-LESA u jitlob sabiex is-servizz ta' superviżjoni mal-mużewijiet jingħata mill-LESA kif ukoll li joġġezzjona għas-servizz bil-lejl fi sqaqin u toroq residenzjali.

**07/02/05** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** gibdet l-attenzjoni li l-laqgħa tat-task force dwar it-traffiku ser ssir fit-28 ta' Ottubru 2015 fid-9am.

**07/02/06** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li se ssir laqgħa ma' Transport Malta dwar il-bridge tal-Mrieħel fil-20 ta' Ottubru. Il-**Kunsillier Ralph Puli** saqsa peress li kien sema dwar pjanijiet tal-gvern li dan il-bridge se jkun qed jithaddem b'sistema ta' PPP, dwar kif se jkun qed jaħdem dan il-PPP u jekk hux se jkunu mposti ħlasijiet lill-pubbliku biex wieħed ikun jista' jagħmel użu minn dan il-bridge, għaliex f'dak il-każ huwa joġġezzjona bil-qawwa li jkun hemm talba għall-ħlasijiet. Is-**Sindku Rosianne Cutajar** rrispondiet li safejn taf hi dan il-PPP jikkonċerna riklamar mal-pont.

**07/02/07** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li għal darba oħra l-Kunsill qed jipparteċipa fil-kampanja tal-Breast Cancer Awareness fejn l-Kunsill xegħel il-faċċata tal-Kunsill kulur roża, filwaqt li se jkun qed jikkollabora mal-Kummissjoni Nisa Qalbisti biex tittella' attivita' ta' informazzjoni sabiex titqajjem kuxjenza dwar il-cancer fis-sider.

**07/02/08** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li wara snin twal li l-funtani fi Gnien il-Funtana u Gnien f'Misraħ iż-Żebbuġ, ma jaħdmux il-Kunsill reġa ħaddem mill-ġdid dawn il-funtani bl-intervent tal-Kunsilier Josef Aquilina. Madanakollu, jidher li għad jonqos xi xogħlijiet biex dawn jiġu rinnovati kompletament.

**07/02/09** **Il-Kunsilier Bjorn Azzopardi** xtaq jiġbed l-attenzjoni dwar il-fatt li hemm kuntratturi tal-Kunsill li mhux qed jagħtu servizz kif suppost. Dan jirrigwardja t-tindif fejn kellu każijiet li ħadu il-ġimgħat biex ittieħdet azzjoni. **Is-Sindku Rosianne Cutajar** wieġbet li l-Kunsill ikun qed jiġbed l-attenzjoni tal-kuntratturi iżda jkun hemm każijiet fejn dawn idumu aktar minn suppost, fejn iżda ladarba l-Kunsill ikollu contract manager ikun f'pożizzjoni aħjar biex jieħu azzjoni ma' dawk il-kuntratturi li jkunu qed jonqsu. **Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** ġibed l-attenzjoni wkoll dwar xogħol ta' patching li wkoll ilu pendenti minn Frar 2015. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li dan ix-xogħol dam peress li kien hemm sejħa ġdida, iżda ladarba din ingħatat u ġie ffirmat il-kuntratt, il-kuntrattur informa lill-Kunsill li mhux se jkun jista' jagħmel dan ix-xogħol qabel ma jlesti x-xoghol li għandu mal-Gvern Ċentrali fuq il-*Coast Road* peress li għandu multi kbar. Il-Kunsilll qabel unanimament sabiex jinforma lill-kuntrattur tal-patching li l-Kunsill se jkun qed jwaħħal penali f'każ li x-xogħol ma jinbediex fi żmien għaxart'ijiem u li għaldaqstant il-kuntrattur jekk għandu xogħol ieħor jista' dejjem iqabbad *sub-contractor*.

**07/02/10** **Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** ġibed l-attenzjoni dwar il-bżonn li Triq il-Kanun tiġi asfaltata peress li tinsab fi stat ħażin ħafna. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li wara li ltaqa' mal-perit tal-Kunsill, ġie ddeterminat li biex tiġi asfaltata din it-triq bil-bankini b'kollox tiġi tiswa madwar

Eur250,000 filwaqt li jekk jingħata patching f'partijiet b'kundizzjoni ħażina tiġi tiswa madwar Eur80,000 li hija l-valur tal-*budget* li l-Kunsill ikollu għall-proġetti kapitali f'sena. Fiċ-ċirkostanzi, l-Kunsill se jkun qed iressaq talba lill-Gvern Ċentrali għall-għajnuna biex din it-triq tkun tista' tiġi asfaltata. F'dan il-punt, il-**Kunsillier Jerome Caruana Cilia** fakkar fil-bżonn li jsir xogħol ta'patching fi Triq tal-Ħlas.

**07/03 PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' SETTEMBRU 2015**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Settembru 2015, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti. **DOK 'A1-4'**

**a)** Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' Settembru 2015
**b)** *Bank Payments* Settembru 2015
**c)** *Petty Cash* Settembru 2015

Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara s-Sindku ppproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha.

**Il-Kunsillier Robert Reno Cremona** issekonda.

**Ivvutaw Favur** Disa' Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-pagamenti kollha.

**07/04 MOZZJONIJIET**

**07/04/01 MOZZJONI – 21-2015(VII)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet il-mozzjoni nru 21-2015:

*Il-KunsillLokali ta' Ħal Qormi huwa kommess illi jagħmel l-aħjar użu mir-riżorsi għad-dispożizzjoni tiegħu:*

*il-Kunsill permezz tal-Kumitat tal-Finanzi għandu jevalwa l-possibilita' li fir-rigward tas-servizz tar-road markings, dan ma jibqax jiġi outsourced u minflok għandu jiġi impjegat ħaddiem li jkun esklussivament fuq dan ix-xogħol sabiex it-toroq tagħna jinżammu fl-aħjar stat f'dawk li huma marki tat-traffiku,*

*fl-eventwalita' li r-riżultat tal-evalwazzjoni mill-Kumitat tal-Finanzi ikun pozittiv, il-Kunsill għandu jibda' l-proċess ta' impjieg ta' dan il-ħaddiem.*

*Dan sabiex il-Kunsill jkun aktar effiċjenti u effettiv b'impatt ekonomiku pożittiv fuq il-finanzi tal-Kunsill.*

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** ssekonda l-mozzjoni kif emendata.

**Ivvutaw Favur** disa' Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova l-mozzjoni 21-2015(VII)** u għaldaqstant għandu jsir rapport mill-Kumitat tal-Finanzi u l-Kunsill imexxi skont ir-rakkomandazzjoni ta' dan il-Bord.

**07/04/02 MOZZJONI – 22-2015(VII)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet il-mozzjoni nru 22-2015(VII):

*Qed nipproponi biex il-Kunsill Lokali ikun qed jipparteċipa b'mod attiv fil-festi tal-Milied;*

*Biex ikompli jaħdem id f'id mal-għaqdiet lokali;*

*Nipproponi biex bħalma għamel fis-snin preċedenti l-KunsillLokali jidħol fi ftehim :-*
*mal-Għaqda Armar San Bastjan sabiex jarmaw tiżjin tal-Milied fi Triq San Sebastjan;*

*mal-Għaqda Mużikali San Ġorġ Martri sabiex jarmaw tiżjin tal-Milied fi Triq il-Kbira/ Pjazza San Franġisk;*

*mal-Għaqda Soċjo Muzikali Anici sabiex jarmaw tizjin tal-Milied fi Triq San Ġwakkin Schembri u l-madwar*

*Fejn il-Kunsill iħallas tal-ispejjeż involuti bl-istess arranġamenti tas-sena l-oħra.*

**Il-Kunsilier Josef Aquilina** ssekonda il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur** Disa' Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni Nru 22-2015 (VII).

**07/05 RAPPORTI**

**07/05/01 APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-AĠĠUDIKAZZJONI TAL-OFFERTA DWAR SERVIZZ TA' CONTRACT MANAGER**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** li kienet ukoll ic-Chairperson fuq il-Bord tal-Aġġudikazzjoni ressqet ir-rapport li kien jaqra hekk:

Is-sejħa għall-offerti dehret fil-ħarġa tal-Gazzetta tal-Gvern 18 ta' Awwissu 2015, kif ukoll fil-Gazzetta Lokali ta' nhar l-Erbgħa 19 ta' Awwissu 2015, liema sejħa għalqet nhar il-Gimgha, 18 ta' Settembru 2015 fil-12.00pm.

Il-Kaxxa tat-Tenders infetħet fil-18 ta' Settembru 2015, mis-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat, fil-preżenza tal-Kunsillier Ralph Puli u l-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina.

Għal din is-sejħa, l-Kunsill irċieva offerta waħda biss:

| **Isem** | **€** |
|---|---|
| Raphael Carabott | 7,008 |
| Carmel Farrugia | 7,000 |

Il-Bord, kompost mis-Sindku Rosianne Cutajar, Ralph Puli, Jesmond Aquilina u Josef Aquilina Itaqa' biex jiddiskuti dawn l-offerti.

Il-Bord innota li ż-żewġ offerti huma administrative u technical compliant. Il-Bord innota wkoll li għalkemm id-differenza fil-prezz hija insinjifikanti, il-Kunsill xorta kellu jmur fuq l-orħos offerta fejn innota li l-orħos offerent għandu l-esperjenza fuq dan il-qasam kif ukoll għandu *knowledge* vast fuq il-lokalita'.

Il-Bord jirrakkomanda li tintgħażel l-orħos offertam dik minn Charles Farrugia fejn iżda l-kuntratt jingħata għal sitt xhur, fejn jekk is-servizz mogħti ma jilħaqx l-aspettattivi tal-Kunsill, l-kuntratt ma jiġġedidx u jingħata lit-tieni offerent.

Il-Kunsill qabel unanimament biex jilqa' r-rakkomandazzjoni tal-Bord.

**DOK 'B'**

**Il-Kunsillier Ralph Puli** issekonda.

**Ivvutaw Favur** Disa' Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill approva l-mozzjoni u għaldaqstant fil-ġranet li ġejjin għandu joħroġ l-ittra ta' aċċettazzjoni u jiġi ffirmat l-kuntratt.**

**07/06 KORRISPONDENZA**

**07/06/01** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill din il-korrispondenza dwar: **DOK 'C 1-4'**

1. Dwar proposta biex il-Kunsill jagħmel inizjattiva fil-festi tal-Milied, sabiex jagħmel muzika tal-Milied fit-toroq u tigi ffinanzjata minn riklami minn stabbilimenti kummerċjali, il-Kunsill qabel unanimament biex javviċina lill-istabbilimenti ħalli jara jekk hemmx interess f'din l-inizjattiva u li l-ammont ta' interess ikun biżżejjed biex jiffinanzjaha.

2. Dwar it-talba mill-Kummissjoni Nisa Qalbisti sabiex issir attivita' bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali, dwar il-Breast Cancer Awareness, il-Kunsill faħħar l-inizjattiva u qabel li jipparteċipa.

3. Dwar il-korrispondenza dwar PA282/15, il-Kunsill se jkun qed jitlob il-kummenti tekniku tal-perit qabel jgħaddihom lill-MEPA.

4. Dwar l-attivita' bl-isem Banana Festival, il-Kunsill Lokali ma qabilx li l-attivita' issir b'dan l-isem peress li s-sena l-oħra dan l-isem intuża biex jiġi żufjetat il-Kunsill u l-lokalita' ta' Ħal Qormi. Għaldaqstant, il-Kunsill qabel unanimament biex l-għaqda li torganizzah tikkunsidra li tbiddel l-isem.

5. Dwar kwotazzjoni minn ELC biex fuq inizjattiva tal-Kunsillier Josef Aquilina isiru planters mal-kappelli, għat-total ta' Eur793.22, il-Kunsill approva unanimament.

6. Dwar memo mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar il-LESA, il-Kunsill Lokali innota din il-korrispondenza u se jkun qed jikteb lill-LESA kif deċiż f'punt nru 07/02/04 ta' din il-laqgħa.

**07/07 AĠĠORNAMENT**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar qabel aġġornat il-laqgħa.**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tnejn 9 ta' Novembru 2015 fis-7.00 ta' filgħaxija.

Il-laqgħa ntemmet fit-09:00 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Rosianne Cutajar<br>Sindku | Kenneth Brincat<br>Segretarju Eżekuttiv |

Minuti approvati llum ........................ ......... ta' ....................... 2015.